



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 8 ta' Novembru 2018
(OR. en)**

2016/0407 (COD)

PE-CONS 34/18

**SIRIS 69
MIGR 91
SCHENGEN 28
COMIX 333
CODEC 1123
JAI 829**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali**

REGOLAMENT (UE) 2018/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att legiŝlattiv intbaġħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura legiŝlattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

- (1) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fl-Istati Membri, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, huwa parti essenzjali tal-isforzi komprensivi biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari u tiżdied ir-rata ta' ritorn ta' migranti irregolari.
- (2) Huwa neċessarju li tiżdied l-effettività tas-sistema tal-Unjoni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali. Dan huwa essenzjali biex tinżamm il-fiduċja pubblika fil-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u l-asil u biex jiġi pprovdut appoġġ lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali.

¹ Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

- (3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jirritornaw b'mod effettiv u proporzjonat ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2018/...¹⁺ u r-Regolament (UE) 2018/...²⁺⁺ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).

¹ Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L ..).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test u imla r-referenza tal-pubblikazzjoni fin-nota f'qiegħ il-paġna għar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

² Regolament (UE) 2018/... dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L ...).

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fit-test u imla r-referenza tal-pubblikazzjoni fin-nota f'qiegħ il-paġna għar-Regolament fi PE-CONS 36/18.

- (5) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri li jużaw is-SIS skont ir-Regolament (UE) 2018/...⁺ dwar deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li s-soġġorn tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri jkun illegali u għal monitoraġġ ta' jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu soġġetti għal dawk id-deċiżjonijiet ikunux telqu mit-territorju tal-Istati Membri.
- (6) Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi stabbiliti fid-Direttiva 2008/115/KE. Allert imdaħħal fis-SIS għall-fini ta' ritorn ma jikkostitwixxix, fih innifsu, id-determinazzjoni tal-istatus ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju tal-Istati Membri, speċjalment fi Stati Membri li mhumiex l-Istat Membru li daħħal l-allert fis-SIS.
- (7) L-allerti dwar ritorn imdaħħla fis-SIS u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar dawk l-allerti jenħtieġ li jappoġġaw lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu l-miżuri neċessarji biex jinfurzaw id-deċiżjonijiet ta' ritorn. Jenħtieġ li s-SIS tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-suġġett ta' tali deċiżjoni ta' ritorn, li jkunu evadew il-ġurisdizzjoni tal-qorti u ġew arrestati fi Stat Membru ieħor. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jimpedixxu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u l-movimenti sekondarji u jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE 35/18.

- (8) Biex jiżguraw l-effettività tar-ritorn u jżidu l-valur miżjud tal-allerti dwar ritorn, jenħtieġ li l-Istati Membri jdaħħlu allerti fis-SIS fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' ritorn li huma joħorġu fil-konfront ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali f'konformità ma' dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. Għal dan il-fini, jenħtieġ li l-Istati Membri jdaħħlu wkoll allert fis-SIS meta deċiżjonijiet li jimponu jew li jiddikjaraw obbligu ta' ritorn jinħarġu fis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 2(2) ta' dik id-Direttiva, jiġifieri lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal rifjut ta' dħul f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jew li huma arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti b'rabta mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li sussegwentement ma kisbux awtorizzazzjoni jew dritt ta' soġġorn f'dak l-Istat Membru, u lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal ritorn bħala sanzjoni tal-liġi kriminali jew bħala konsegwenza ta' sanzjoni tal-liġi kriminali, skont il-liġi nazzjonali, jew li huma s-suġġett ta' proċeduri ta' estradizzjoni. F'ċerti ċirkostanzi, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jdaħħlux allerti dwar ritorn fis-SIS fejn ir-riskju li d-deċiżjoni ta' ritorn ma tiġix irrispettata jkun baxx, jiġifieri matul kwalunkwe perijodu ta' detenzjoni jew meta d-deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ fil-fruntiera esterna u tiġi eżegwita immedjatament, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom.

¹ Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

- (9) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għad-dħul fis-SIS ta' allerti dwar ritorn. Jenħtieġ li l-allerti dwar ritorn jiddaħħlu fis-SIS hekk kif jinħarġu d-deċiżjonijiet ta' ritorn sottostanti. Jenħtieġ li l-allert jindika jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikunx ingħata perijodu biex jitlaq volontarjament, inkluż jekk dak il-perijodu jkunx ġie estiż u jekk id-deċiżjoni ġietx sospiża jew it-tneħħija posposta.
- (10) Huwa neċessarju li jiġu determinati l-kategoriji ta' data li għandhom jiddaħħlu fis-SIS fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li huwa s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn. Jenħtieġ li l-allerti dwar ritorn ikun fihom biss dik id-data li hija neċessarja għall-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data, biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati mingħajr telf ta' ħin u biex, fejn ikun meħtieġ, tkun żgurata l-protezzjoni ta' dawk l-awtoritajiet minn persuni li, pereżempju, ikunu armati, vjolenti, li ħarbu jew li jkunu involuti f'attività kif imsemmi fl-Artikoli 3 sa 14 tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament u tal-Kunsill¹. Barra minn hekk, sabiex tiġi iffaċilitata l-identifikazzjoni u jinkixfu identitajiet multipli, jenħtieġ li l-allert jinkludi wkoll referenza għad-dokument ta' identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata u kopja ta' dak id-dokument, fejn ikun disponibbli.

¹ Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

- (11) Minħabba l-affidabbiltà tal-identifikazzjoni ta' persuni permezz tal-marki tas-swaba' u r-ritratti jew l-immaġnijiet tal-wiċċ, jenħtieġ li dawn jiddaħħlu dejjem fl-allerti dwar ritorn. Billi dawn jistgħu ma jkunux disponibbli, pereżempju meta tittieħed deċiżjoni ta' ritorn in absentia, f'dawn il-każijiet jenħtieġ li b'mod eċċezzjonali jkun possibbli li jkun hemm deroga minn dan ir-rekwiżit.
- (12) L-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, ipprovduta mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali dwar ċittadini ta' pajjiż terz soġġetti għal allerti dwar ritorn, jenħtieġ li titwettaq dejjem permezz tan-netwerk ta' uffiċċji nazzjonali magħrufa bħala l-Uffiċċji SIRENE li jservu bħala punt ta' kuntatt u f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺.
- (13) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifikaw li l-obbligu ta' ritorn għe rrispettat u jikkonfermaw it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat lejn l-Istat Membru li jkun daħħal l-allert dwar ritorn fis-SIS. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tikkontribwixxi għal monitoraġġ aktar komprensiv tal-konformità ma' deċiżjonijiet ta' ritorn.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

- (14) Jenħtieġ li l-allerti dwar ritorn jitħassru hekk kif l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet id-deċiżjoni ta' ritorn tirċievi konferma li r-ritorn seħħ jew fejn l-awtorità kompetenti jkollha informazzjoni suffiċjenti u konvinċenti li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri. Fejn deċiżjoni ta' ritorn tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, jenħtieġ li jiddaħħal fis-SIS allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/... ⁺. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li ma jkun jeżisti l-ebda intervall ta' żmien bejn il-mument li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq miż-żona Schengen u l-attivazzjoni tal-allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn fis-SIS. Jekk id-data li tkun fis-SIS turi li d-deċiżjoni ta' ritorn tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, jenħtieġ li l-infurzar tal-projbizzjoni fuq id-dħul tkun żgurata.
- (15) Jenħtieġ li s-SIS ikun fiha mekkaniżmu biex l-Istati Membri jġigu notifikati dwar in-nonkonformità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ma' obbligu ta' ritorn fi żmien perijodu partikolari ta' tluq volontarju. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu jappoġġa lill-Istati Membri biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom li jinfurzaw id-deċiżjonijiet ta' ritorn u l-obbligi tagħhom li joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma kkonformawx ma' obbligu ta' ritorn.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

- (16) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabilixxi regoli obbligatorji għall-konsultazzjoni bejn l-Istati Membri biex jevitaw jew jirrikonċiljaw struzzjonijiet konfliġġenti possibbli. Jenħtieġ li jsiru konsultazzjonijiet fil-każ fejn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom, jew li jkunu qed jingħataw, permess ta' residenza validu jew viża valida għal soġġorn fit-tul minn Stat Membru jkunu soġġetti għal allert dwar ritorn maħruġ minn Stat Membru ieħor, b'mod partikolari jekk id-deċiżjoni ta' ritorn tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, jew fejn jistgħu jirriżultaw sitwazzjonijiet konfliġġenti mad-dħul fit-territorji tal-Istati Membri.
- (17) Jenħtieġ li l-allerti jinżammu fis-SIS biss għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħqu l-finijiet li għalihom iddaħħlu. Jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-perijodi tar-rieżami tar-Regolament (UE) 2018/...⁺. Jenħtieġ li l-allerti dwar ritorn jitħassru awtomatikament hekk kif jiskadu, f'konformità mal-proċedura tar-rieżami msemmija f'dak ir-Regolament.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

- (18) Jenħtieġ li data personali miksuba minn Stat Membru skont dan ir-Regolament ma tiġi ittrasferita lejn l-ebda pajjiż terz jew ma titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ebda pajjiż terz. B'deroga għal dik ir-regola, jenħtieġ li jkun possibbli li tali data personali tiġi ttrasferita lil pajjiż terz fejn dan it-trasferiment ikun soġġett għal kondizzjonijiet stretti u jkun neċessarju f'każijiet individwali sabiex jassisti l-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz għall-finijiet tar-ritorn tiegħu. Jenħtieġ li t-trasferiment ta' kwalunkwe data personali lil pajjiżi terzi jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u bi ftehim mal-Istat Membru emittenti. Madankollu jenħtieġ li jiġi nnotat li l-pajjiżi terzi ta' ritorn spiss ma jkunux soġġetti għal deċiżjonijiet adegwati adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, l-isforzi estensivi tal-Unjoni biex tikkoopera mal-pajjiżi ta' oriġini prinċipali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali soġġetti għal obbligu ta' ritorn ma rnexxilhomx jiżguraw li dawn il-pajjiżi terzi jissodisfaw b'mod sistematiku l-obbligu stabbilit bid-dritt internazzjonali għar-riammissjoni taċ-ċittadini tagħhom stess.

¹ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Il-ftehimiet ta' riammissjoni li ġew konklużi jew li jkunu qed jiġu nnegożjati mill-Unjoni jew mill-Istati Membri u li jipprevedu salvagwardji adatti għat-trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2016/679 ikopru għadd limitat ta' tali pajjiżi terzi. Il-konklużjoni ta' xi ftehim ġdid għadha inċerta. F'dawk iċ-ċirkostanzi, u b'eċċezzjoni għar-rekwiżit għal deċiżjoni ta' adegwatezza jew salvagwardji adatti, jenħtieġ li t-trasferiment ta' data personali lil awtoritajiet ta' pajjiżi terzi skont dan ir-Regolament ikun permess għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-politika ta' ritorn tal-Unjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli li jsir użu mid-deroga prevista fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2016/679, soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu. Skont l-Artikolu 57 ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament, inkluż fir-rigward tat-trasferimenti ta' data personali lil pajjiżi terzi skont dan ir-Regolament, tkun soġġetta għal monitoraġġ minn awtoritajiet superviżorji indipendenti.

- (19) L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għar-ritorn jistgħu jkunu konsiderevolment differenti bejn Stat Membru u ieħor, u dawn l-awtoritajiet jistgħu jvarjaw ukoll fi ħdan l-Istat Membru skont ir-raġunijiet għas-soġġorn illegali. L-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu wkoll joħroġu deċiżjonijiet ta' ritorn, pereżempju b'riżultat ta' appelli kontra rifjut li tingħata awtorizzazzjoni jew dritt ta' soġġorn jew bħala sanzjoni kriminali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kollha responsabbli mill-ħruġ u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn skont id-Direttiva 2008/115/KE jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-SIS sabiex idaħħlu, jaġġornaw, iħassru u jfittxu allerti dwar ritorn.

- (20) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali msemija fir-Regolament (UE) 2018/...⁺ jingħataw aċċess għall-allerti dwar ritorn għall-fini tal-identifikazzjoni u r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.
- (21) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi li l-Europol għandha tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u tipprovdi analiżi u valutazzjonijiet tat-treddid. Sabiex il-Europol tkun meġġuna fit-twettiq tal-kompiti tagħha, b'mod partikolari fi ħdan iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, jixraq li l-Europol tingħata aċċess għall-kategorija ta' allerti kif previst f'dan ir-Regolament.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

¹ Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

(22) Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi, għall-fini ta' dak ir-Regolament, li l-Istat Membru ospitanti għandu jawtorizza lill-membri tat-timijiet kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea tal-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta biex jikkonsultaw bażijiet ta' data tal-Unjoni fejn din il-konsultazzjoni tkun neċessarja biex jinkisbu miri operazzjonali speċifikati fil-pjan operazzjonali dwar il-verifiki fuq il-fruntieri, is-sorveljanza fuq il-fruntieri u r-ritorn. L-objettiv li għalih jintbagħtu t-timijiet imsemmija fil-punti (8) u (9) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament huwa li jkun previst ir-rinforz tekniku u operazzjonali għall-Istati Membri rikjedenti, speċjalment għal dawk li jkunu qed jiffaċċjaw sfidi migratorji sproporzjonati. Sabiex it-timijiet imsemmija fil-punti (8) u (9) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament iwettqu l-kompiti tagħhom, huma jeħtieġu aċċess għal allerti fis-SIS dwar ritorn permezz ta' interfaċċa teknika tal-Aġenzija Ewropea tal-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta konnessa mas-SIS Ċentrali.

¹ Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

- (23) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u l-Aġenzija tal-Unjoni għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/.. tal-Parlament Ewropew¹⁺ ("eu-LISA"), dwar id-dħul u l-ipproċessar ta' allerti, dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess u ż-żamma ta' allerti, dwar l-ipproċessar ta' data, dwar il-protezzjoni tad-data, dwar ir-responsabbiltà u l-monitoraġġ u l-istatistika fir-Regolament (UE) 2018/... ⁺⁺ japplikaw ukoll għal data li tinsab u li hi pproċessata fis-SIS skont dan ir-Regolament.

¹ Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tas-serje u imla r-referenza tal-pubblikazzjoni fin-nota fqiegħ il-paġna għar-Regolament PE-CONS 29/18.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

- (24) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' sistema għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-Istati Membri f'konformità ma' dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE bil-għan li l-infurzar tagħhom jiġi ffaċilitat u biex jiġi mmonitorjat ir-rispett ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali tal-obbligu tagħhom ta' ritorn ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (25) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (26) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jidderivaw mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967.
- (27) Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw dan ir-Regolament b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' non-refoulement, u li dejjem iqisu l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-qagħda tas-saħħa jew il-kundizzjoni ta' vulnerabbiltà tal-individwi kkonċernati.

- (28) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur minn meta l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk hijiex ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (29) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit mhuwiex qed jieġu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE¹; għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieġu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.
- (30) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhijiex qed tieġu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE²; għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieġdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieġu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

- (31) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen¹, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt (C) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE².
- (32) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen³, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt (C) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE⁴.

¹ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

³ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

- (33) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-adeżjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen¹, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt (C) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE².
- (34) Fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005 u jenħtieġ li jinqara flimkien mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/365/UE³ u (UE) 2018/934⁴ rispettivament.

¹ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

³ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 17).

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-*acquis* ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37).

- (35) Fir-rigward tal-Kroazja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011 u jenħtieġ li jinqara flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733¹.
- (36) Fir-rigward ta' Ċipru, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.
- (37) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u ta opinjoni fit-3 ta' Mejju 2017,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31).

² Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għad-dħul u l-ipproċessar ta' allerti fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-Istati Membri fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) stabbiliti bir-Regolament (UE) 2018/...⁺, kif ukoll għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar tali allerti.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "ritorn" tfisser ritorn kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115/KE;
- (2) "ċittadin ta' pajjiż terzi" tfisser ċittadin ta' pajjiż terzi kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115/KE;
- (3) "deċiżjoni ta' ritorn" tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jstipula jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terzi huwa illegali u li jimponi jew jiddikjara obbligu ta' ritorn li jirrispetta d-Direttiva 2008/115/KE;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

- (4) "allert" tfisser allert kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;
- (5) "informazzjoni supplimentari" tfisser informazzjoni supplimentari kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;
- (6) "tneħħija" tfisser tneħħija kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115/KE;
- (7) "tluq volontarju" tfisser tluq volontarju kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115/KE;
- (8) "Stat Membru emittenti" tfisser Stat Membru emittenti kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;
- (9) "Stat Membru tal-għoti" tfisser Stat Membru tal-għoti kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;
- (10) "Stat Membru ta' eżekuzzjoni" tfisser Stat Membru ta' eżekuzzjoni kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;
- (11) "data personali" tfisser data personali kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

- (12) "CS-SIS" tfisser il-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS Ċentrali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;
- (13) "permess ta' residenza" tfisser permess ta' residenza kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399;
- (14) "viża għal soġġorn fit-tul" tfisser viża għal soġġorn fit-tul kif imsemmi fl-Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom¹;
- (15) "hit" tfisser hit kif definit fil-punt (9) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;
- (16) "theddida għas-saħħa pubblika" tfisser theddida għas-saħħa pubblika kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399;
- (17) "fruntieri esterni" tfisser fruntieri esterni kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

¹ ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.

Artikolu 3

Dħul ta' allerti dwar ritorn fis-SIS

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-SIS allerti dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn bil-fini li jiġi vverifikat li l-obbligu ta' ritorn ikun ġie rispettata u biex jiġi appoġġat l-infurzar tad-deċiżjonijiet ta' ritorn. Wara l-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn għandu jiddaħħal fis-SIS allert dwar ritorn mingħajr dewmien.
2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jdaħħlux allerti dwar ritorn meta d-deċiżjonijiet ta' ritorn jikkonċernaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu detenuti fl-istennija ta' tneħħija. Jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jinħelsu mid-detenzjoni mingħajr ma jitneħħew għandu jiddaħħal fis-SIS allert dwar ritorn mingħajr dewmien.
3. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jdaħħlux allerti dwar ritorn meta d-deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ fil-fruntiera esterna ta' Stat Membru u tiġi eżegwita immedjatament.
4. Il-perijodu għal tluq volontarju mogħti f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115/KE għandu jiġi rreġistrat immedjatament fl-allert dwar ritorn. Kwalunkwe estensjoni ta' dak il-perijodu għandha tiġi rreġistrata fl-allert mingħajr dewmien.
5. Kwalunkwe sospensjoni jew posponiment tal-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn, inkluż b'riżultat tal-preżentazzjoni ta' appell, għandhom jiġu rreġistrati immedjatament fl-allert dwar ritorn.

Artikolu 4
Kategoriji ta' data

1. Allert dwar ritorn imdaħħal fis-SIS skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandu jkun fih biss id-data li ġejja:
 - (a) kunjomijiet;
 - (b) ismijiet;
 - (c) ismijiet u kunjomijiet mat-twelid;
 - (d) ismijiet u psewdonimi użati preċedentement;
 - (e) post tat-twelid;
 - (f) data tat-twelid;
 - (g) ġeneru;
 - (h) kwalunkwe nazzjonalità;
 - (i) jekk il-persuna kkonċernata:
 - (i) hijiex armata;
 - (ii) hijiex vjolenti;
 - (iii) tkunx evadjet il-ġurisdizzjoni tal-qorti jew ħarbet;

- (iv) hijiex friskju ta' suwiciidju;
- (v) hijiex ta' theddida għas-saħħa pubblika; jew
- (vi) hijiex involuta f'attività msemija fl-Artikoli 3 sa 14 tad-Direttiva (UE) 2017/541;
- (j) ir-raġuni għall-allert;
- (k) l-awtorità li ħolqot l-allert;
- (l) referenza għad-deċiżjoni li wasslet għall-allert;
- (m) l-azzjoni li għandha tittieħed f'każ ta' hit;
- (n) rabtiet ma' allerti oħra maħruġa skont l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;
- (o) jekk id-deċiżjoni ta' ritorn inħarġitx b'rabta ma' ċittadin ta' pajjiż terz li huwa ta' theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali;
- (p) it-tip ta' reat;
- (q) il-kategorija tad-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna;
- (r) il-pajjiż li joħroġ id-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna;
- (s) in-numru(i) tad-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

- (t) id-data tal-ħruġ tad-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna;
- (u) ritratti u immaġnijiet tal-wieċ;
- (v) data dattiloskopika;
- (w) kopja tad-dokumenti ta' identifikazzjoni, bil-kulur kull fejn possibbli;
- (x) l-aħħar data tal-perijodu għal tluq volontarju, jekk tingħata;
- (y) jekk id-deċiżjoni ta' ritorn ġietx sospiża jew l-infurzar tad-deċiżjoni ġiex pospost, inkluż b'riżultat tal-preżentazzjoni ta' appell;
- (z) jekk id-deċiżjoni ta' ritorn hijiex akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul li tikkostitwixxi l-bażi għal allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn skont il-punt (b) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2018/...⁺.

2. Is-sett minimu ta' data neċessarja biex jiddaħħal allert fis-SIS għandu jkun id-data msemmija fil-punti (a), (f), (j), (l), (m), (x) u (z) tal-paragrafu 1. Id-data l-oħra msemmija f'dak il-paragrafu għandha wkoll tiddaħħal fis-SIS, jekk tkun disponibbli.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

3. Id-data dattiloskopika msemija fil-punt (v) tal- paragrafu 1 tista' tikkonsisti minn:
- (a) wieħed sa għaxar marki tas-swaba' ċatti u minn wieħed sa għaxar marki tas-swaba' rroljati taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat;
 - (b) sa żewġ marki tal-pala tal-id fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-marki tas-swaba' tagħhom ma jkunux jistgħu jittieħdu;
 - (c) sa żewġ marki tal-pala tal-id fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal ritorn bħala sanzjoni tal-liġi kriminali jew li jkunu wettqu reat kriminali fit-territorju tal-Istat Membru li ħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn.

Artikolu 5

Awtorità responsabbli mill-iskambju ta' informazzjoni supplimentari

L-Uffiċċju SIRENE appuntat taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺ għandu jiżgura l-iskambju tal-informazzjoni supplimentari kollha dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal allert dwar ritorn, f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

Artikolu 6

Hits fuq il-fruntieri esterni mal-ħruġ - Konferma ta' ritorn

1. F'każ ta' hit rigward allert dwar ritorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ħiereġ mit-territorju tal-Istati Membri mill-fruntiera esterna ta' Stat Membru, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-Istat Membru emittenti permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari:
 - (a) li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ġie identifikat;
 - (b) il-post u l-ħin tal-verifika;
 - (c) li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri;
 - (d) li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz kien soġġett għal tneħħija, jekk dan ikun il-każ.

Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' allert dwar ritorn joħroġ mit-territorju tal-Istati Membri mill-fruntiera esterna tal-Istat Membru emittenti, il-konferma tar-ritorn għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru f'konformità mal-proċeduri nazzjonali.

2. L-Istat Membru emittenti għandu jħassar l-allert dwar ritorn mingħajr dewmien wara li jirċievi l-konferma ta' ritorn. Fejn applikabbli, l-allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn għandu jiddaħħal mingħajr dewmien skont il-punt (b) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2018/...⁺.
3. L-Istati Membri għandhom fuq bażi trimestrali jipprovdu statistika lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) dwar l-għadd tar-ritorni kkonfermati u dwar l-għadd ta' dawk ir-ritorni kkonfermati fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz kien suġġett għat-tneħħija. L-eu-LISA għandha tiġbor l-istatistika fuq bażi trimestrali fir-rapport annwali tal-istatistika msemmi fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament. L-istatistika ma għandux ikun fiha data personali.

Artikolu 7

Nonkonformità ma' deċiżjonijiet ta' ritorn

1. Mal-iskadenza tal-perijodu għal tluq volontarju, indikat f'allert dwar ritorn, inkluż kwalunkwe estensjoni possibbli, is-CS-SIS għandha tinnotifika awtomatikament lill-Istat Membru emittenti.
2. Mingħajr preġudizzju għall-proċedura msemmija fl-Artikoli 6(1), 8 u 12, f'każ ta' hit rigward allert dwar ritorn, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jikkuntattja immedjatament lill-Istat Membru emittenti permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari sabiex jiġu ddeterminati l-miżuri li għandhom jittieħdu.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

Artikolu 8

Hits fuq il-fruntieri esterni mad-dħul

F'każ ta' hit rigward allert dwar ritorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun dieħel fit-territorju tal-Istati Membri mill-fruntieri esterni, għandu japplika s-segwenti:

- (a) fejn id-deċiżjoni ta' ritorn tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jinforma immedjatament lill-Istat Membru emittenti permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari. L-Istat Membru emittenti għandu immedjatament iħassar l-allert dwar ritorn u jdaħħal allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn skont il-punt (b) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;
- (b) fejn id-deċiżjoni ta' ritorn ma tkunx akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jinforma immedjatament lill-Istat Membru emittenti permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, sabiex l-Istat Membru emittenti jħassar l-allert dwar ritorn mingħajr dewmien.

Id-deċiżjoni dwar id-dħul ta' ċittadin ta' pajjiż terz għandha tittieħed mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

Artikolu 9

Konsultazzjoni qabel ma jingħata jew jiġi estiż permess ta' residenza jew viża għal soġġorn fit-tul

1. Fejn Stat Membru jkun qed jikkunsidra l-ġhoti jew l-estensjoni ta' permess ta' residenza jew viża għal soġġorn fit-tul lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' alert dwar ritorn imdaħħal minn Stat Membru ieħor li jkun akkumpanjat minn projbizzjoni fuq id-dħul, l-Istati Membri involuti għandhom jikkonsultaw lil xulxin, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, f'konformità mar-regoli li ġejjin:
 - (a) l-Istat Membru tal-ġhoti għandu jikkonsulta lill-Istat Membru emittenti qabel ma jagħti jew jestendi l-permess ta' residenza jew il-viża għal soġġorn fit-tul;
 - (b) l-Istat Membru emittenti għandu jwieġeb it-talba għal konsultazzjoni fi żmien 10 ijiem kalendarji;
 - (c) in-nuqqas ta' tweġiba sal-iskadenza msemmija fil-punt (b) għandu jfisser li l-Istat Membru emittenti ma joġġezzjonax għall-ġhoti jew l-estensjoni tal-permess ta' residenza jew tal-viża għal soġġorn fit-tul;
 - (d) meta jieħu d-deċiżjoni rilevanti, l-Istat Membru tal-ġhoti għandu jikkunsidra r-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-Istat Membru emittenti u għandu jikkunsidra, f'konformità mal-liġi nazzjonali, kwalunkwe theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika li tista' tinħoloq mill-preżenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz inkwistjoni fit-territorju tal-Istati Membri;

- (e) l-Istat Membru tal-għoti għandu jinnotifika lill-Istat Membru emittenti dwar id-deċiżjoni tiegħu; u
- (f) fejn l-Istat Membru tal-għoti jinnotifika lill-Istat Membru emittenti li huwa biġsieb jagħti jew jestendi l-permess ta' residenza jew il-viża għal soġġorn fit-tul jew li huwa jkun iddeċieda li jagħmel dan, l-Istat Membru emittenti għandu jħassar l-allert dwar ritorn.

Id-deċiżjoni finali dwar jekk jagħtix permess ta' residenza jew viża għal soġġorn fit-tul lil ċittadin ta' pajjiż terz, għandha tittieħed mill-Istat Membru tal-għoti.

2. Fejn Stat Membru jkun qed jikkunsidra l-għoti jew l-estensjoni ta' permess ta' residenza jew viża għal soġġorn fit-tul lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' allert dwar ritorn imdaħħal minn Stat Membru ieħor li ma jkunx akkumpanjat minn projbizzjoni fuq id-dħul, l-Istat Membru tal-għoti għandu jinforma mingħajr dewmien lill-Istat Membru emittenti li huwa biġsieb jagħti jew li huwa ta permess ta' residenza jew viża għal soġġorn fit-tul. L-Istat Membru emittenti għandu jħassar l-allert dwar ritorn mingħajr dewmien.

Artikolu 10

Konsultazzjoni qabel ma jiddaħħal allert dwar ritorn

Fejn Stat Membru jkun ħareġ deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115/KE u jkun qed jikkunsidra għandux idaħħal allert dwar ritorn fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li huwa d-detentur ta' permess ta' residenza validu jew ta' viża valida għal soġġorn fit-tul mogħtija minn Stat Membru ieħor, l-Istati Membri involuti għandhom jikkonsultaw lil xulxin permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, skont ir-regoli li ġejjin:

- (a) l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni ta' ritorn għandu jinforma lill-Istat Membru tal-għoti dwar id-deċiżjoni;
- (b) l-informazzjoni skambjata taħt il-punt (a) għandha tinkludi biżżejjed dettall dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni ta' ritorn;
- (c) abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni ta' ritorn, l-Istat Membru tal-għoti għandu jikkunsidra jekk hemmx raġunijiet għall-irtirar tal-permess ta' residenza jew tal-viża għal soġġorn fit-tul;

- (d) meta jieħu d-deċiżjoni rilevanti, l-Istat Membru tal-għoti għandu jikkunsidra r-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni ta' ritorn u għandu jikkunsidra, f'konformità mal-liġi nazzjonali, kwalunkwe theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika li tista' tinħoloq mill-preżenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz inkwistjoni fit-territorju tal-Istati Membri;
- (e) fi żmien 14-il jum kalendarju mill-wasla tat-talba għall-konsultazzjoni l-Istat Membru tal-għoti għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni ta' ritorn jew, fejn ma kienx possibbli li l-Istat Membru tal-għoti jieħu deċiżjoni f'dak il-perijodu, għandu jagħmel talba motivata biex b'mod eċċezzjonali jiġi estiż il-perijodu ta' żmien għat-tweġiba tiegħu għal mhux aktar minn 12-il jum kalendarju ieħor;
- (f) fejn l-Istat Membru tal-għoti jinnotifika lill-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni ta' ritorn li huwa ser iżomm il-permess ta' residenza jew il-viża għal soġġorn fit-tul, l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni ta' ritorn ma għandux idaħħal l-allert dwar ritorn.

Artikolu 11

Konsultazzjoni a posteriori wara li jiddaħħal allert dwar ritorn

Fejn jirriżulta li Stat Membru jkun daħħal allert dwar ritorn dwar ċittadin ta' pajjiż terz li huwa d-detentur ta' permess ta' residenza validu jew viża valida għal soġġorn fit-tul mogħtija minn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru emittenti jista' jiddeċiedi li jirtira d-deċiżjoni ta' ritorn. Fil-każ ta' tali ritirar, huwa għandu jħassar immedjatement l-allert dwar ritorn. Madankollu, fejn l-Istat Membru emittenti jiddeċiedi li jżomm id-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa f'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115/KE, l-Istati Membri involuti għandhom jikkonsultaw lil xulxin permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, f'konformità mar-regoli li ġejjin:

- (a) l-Istat Membru emittenti għandu jinforma lill-Istat Membru tal-għoti dwar id-deċiżjoni ta' ritorn;
- (b) l-informazzjoni skambjata taħt il-punt (a) għandha tinkludi biżżejjed dettall dwar ir-raġunijiet għall-allert dwar ritorn;
- (c) abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru emittenti, l-Istat Membru tal-għoti għandu jikkunsidra jekk hemmx raġunijiet għall-irtirar tal-permess ta' residenza jew tal-viża għal soġġorn fit-tul;
- (d) meta jieħu d-deċiżjoni tiegħu, l-Istat Membru tal-għoti għandu jikkunsidra r-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-Istat Membru emittenti u għandu jikkunsidra, f'konformità mal-liġi nazzjonali, kwalunkwe theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika li tista' tinholq mill-preżenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz inkwistjoni fit-territorju tal-Istati Membri;

- (e) fi żmien 14-il jum kalendarju mill-wasla tat-talba għall-konsultazzjoni l-Istat Membru tal-għoti għandu jinnotifika d-deċizzjoni tiegħu lill-Istat Membru emittenti jew, fejn ma kienx possibbli għall-Istat Membru tal-għoti li jieħu deċizzjoni f'dak il-perijodu, huwa għandu jagħmel talba motivata biex jiġi estiż b'mod eċċezzjonali l-perijodu ta' żmien għat-tweġiba tiegħu għal mhux aktar minn 12-il jum kalendarju ieħor;
- (f) fejn l-Istat Membru tal-għoti jinnotifika lill-Istat Membru emittenti li huwa ser iħalli l-permess ta' residenza jew il-viża għal soġġorn fit-tul, l-Istat Membru emittenti għandu jħassar immedjatament l-allert dwar ritorn.

Artikolu 12

Konsultazzjoni f'każ ta' hit dwar ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu permess ta' residenza validu jew viża valida għal soġġorn fit-tul

Fejn Stat Membru jiltaqa' ma' hit rigward allert dwar ritorn imdaħħal minn Stat Membru dwar ċittadin ta' pajjiż terz li huwa d-detentur ta' permess ta' residenza validu jew ta' viża valida għal soġġorn fit-tul mogħtija minn Stat Membru ieħor, l-Istati Membri involuti għandhom jikkonsultaw lil xulxin permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, f'konformità mar-regoli li ġejjin:

- (a) l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jinforma lill-Istat Membru emittenti dwar is-sitwazzjoni;
- (b) l-Istat Membru emittenti għandu jagħti bidu għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11;

- (c) l-Istat Membru emittenti għandu jinnotifika lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni dwar l-eżitu finali wara l-konsultazzjoni.

Artikolu 13

Statistika dwar l-iskambju ta' informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu statistika lill-eu-LISA fuq bażi annwali dwar l-iskambji ta' informazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikoli 8 sa 12 u dwar il-każijiet fejn l-iskadenzi previsti f'dawk l-Artikoli ma kinux ġew irrISPettati.

Artikolu 14

Tħassir tal-allerti

1. Apparti l-Artikoli 6 u 8 sa 12, l-allerti dwar ritorn għandhom jitħassru meta d-deċiżjoni li abbażi tagħha kien iddaħħal l-allert tkun ġiet irtirata jew annullata mill-awtorità kompetenti. L-allerti dwar ritorn għandhom jitħassru wkoll meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun jista' juri li telaq mit-territorju tal-Istat Membru f'konformità mad-deċiżjoni ta' ritorn rispettiva.

2. L-allerti dwar ritorn dwar persuna li tkun kisbet iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jew ta' kwalunkwe Stat li ċ-ċittadini tiegħu huma benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni, għandhom jitħassru hekk kif l-Istat Membru emittenti jsir konxju, jew jiġi infurmat skont l-Artikolu 44 tar-Regolament (EU) 2018/...⁺ li l-persuna inkwistjoni kisbet tali ċittadinanza.

Artikolu 15

Trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi għall-fini ta' ritorn

1. B'deroga mill-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺, id-data msemmija fil-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (g), (h), (q), (r), (s), (t), (u), (v) u (w) tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament u l-informazzjoni supplimentari relatata jistgħu jiġu trasferiti jew isiru disponibbli lil pajjiż terz bi qbil mal-Istat Membru emittenti.
2. It-trasferiment tad-data lil pajjiż terz għandu jitwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data personali, inkluż il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, ma' ftehimiet ta' riammissjoni fejn applikabbli, u mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jittrasferixxi d-data.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

3. It-trasferimenti ta' data lil pajjiż terz għandhom jitwettqu biss meta jkunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:
- (a) id-data tiġi trasferita jew issir disponibbli biss għall-fini tal-identifikazzjoni ta', u l-ħruġ ta' dokument ta' identifikazzjoni jew tal-ivvjaġġar lil, ċittadin ta' pajjiż terz b'soġġorn illegali bil-ħsieb tar-ritorn tiegħu;
 - (b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun ġie infurmat li d-data personali u l-informazzjoni supplimentari tiegħu jistgħu jiġu kondiviżi mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz.
4. It-trasferimenti ta' data personali lil pajjiżi terzi skont dan l-Artikolu ma għandhomx jippreġudikaw id-drittijiet tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u l-benefiċjarji tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tan-non-refoulement, u l-projbizzjoni fuq l-iżvelar jew il-kisba ta' informazzjoni stipulata fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
5. Id-data pproċessata fis-SIS u l-informazzjoni supplimentari relatata skambjata skont dan ir-Regolament ma għandhomx jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' pajjiż terz meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ikun ġie sospiż jew pospost, inkluż b'riżultat tal-preżentazzjoni ta' appell għar-raġuni li tali ritorn jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.

¹ Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-ġħoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).

6. L-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż fir-rigward tat-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi skont dan l-Artikolu, u b'mod partikolari l-użu, il-proporzjonalità u n-neċessità ta' trasferimenti abbażi tal-punt (d) tal-Artikolu 49(1) ta' dak ir-Regolament, għandha tkun soġġetta għal monitoraġġ mill-awtoritajiet superviżorja indipendenti msemmija fl-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 16

Statistika

L-eu-LISA għandha tipproduċi statistika kuljum, kull xahar u kull sena, kemm għal kull Stat Membru kif ukoll bħala numru aggregat, dwar in-numru ta' allerti dwar ritorn imdaħħla fis-SIS. L-istatistika għandha, tinkludi d-data msemmija fil-punt (y) tal-Artikolu 4(1), in-numru ta' notifiki msemmija fl-Artikolu 7(1) u n-numru ta' allerti dwar ritorn li jkunu tħassru. L-eu-LISA għandha tipproduċi statistika dwar id-data pprovduta mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 13. L-istatistika ma għandu jkun fiha l-ebda data personali.

Dik l-istatistika għandha tiddaħħal fir-rapport annwali tal-istatistika previst fl-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2018/...⁺.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

Artikolu 17

Awtoritajiet kompetenti li għandhom dritt ta' aċċess għal data fis-SIS

1. L-aċċess għal data fis-SIS u d-dritt għal tiftix f'din id-data għandhom ikunu riżervati għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 34(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2018/...⁺.
2. L-Europol għandha, fi ħdan il-mandat tagħha, ikollha d-dritt ta' aċċess għal u tiftix ta' data fis-SIS f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺ bl-għan li tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti u l-iffaċilitar tal-migrazzjoni irregolari u l-għieda kontrihom.
3. Il-membri tat-timijiet imsemmija fil-punti (8) u (9) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/1624 għandu jkollhom fil-mandat tagħhom id-dritt ta' aċċess għal u tiftix fid-data mdaħħla fis-SIS f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺ bl-għan li jwettqu verifiki fuq il-fruntieri, sorveljanza fuq il-fruntieri u operazzjonijiet ta' ritorn permezz tal-interfaċċa teknika stabbilita u miżmuma mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

Artikolu 18

Evalwazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien sentejn mid-data tal-bidu tal-applikazzjoni tiegħu. Din l-evalwazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tas-sinerġiji possibbli bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

Artikolu 19

Applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/...⁺

Sakemm mhumiex stabbiliti f'dan ir-Regolament, id-dħul, l-ipproċessar u l-aġġornament ta' allerti, id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u ta' eu-LISA, il-kondizzjonijiet dwar l-aċċess għall-allerti u l-perijodu ta' rieżami tagħhom, l-ipproċessar tad-data, il-protezzjoni tad-data, ir-responsabbiltà u l-monitoraġġ u l-istatistika, kif stipulat fl-Artikoli 6 sa 19, l-Artikolu 20(3) u (4), fl-Artikoli 21, 23, 32, 33, 34(5) u 38 sa 60 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺, għandhom japplikaw għal data mdaħħla u pproċessata fis-SIS skont dan ir-Regolament.

¹ Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jstabilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.

Artikolu 20
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data stabbilita mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2018/...⁺.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fi PE-CONS 35/18.